L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Iddiskuti.
2. Ikteb rakkont li jibda: "Darba waħda f'nofs ta' lejl qomt maħsud."
3. L-għajnuna fil-komunità.
4. Iddeskrivi esebizzjoni tal-Arti f'mużew ġewwa l-Belt.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**Masġar bi storja twila**

Matul ix-xhur tax-xitwa ħafna familji Maltin iħallu djarhom biex iqattgħu ftit sigħat barra mid-dar. Hawn min jagħżel xi post għall-kwiet. Hawn min iħobb jipprattika xi sport. Hawn min iħobb joħroġ mal-familja bil-karozza u fl-aħħar nett jispiċċa f'xi post fil-kampanja. Wieħed mill-aktar ċentri importanti u popolari hu l-Buskett. Dan hu l-uniku masġar matur u mdaqqas li għandna f'Malta.

Il-kelma 'Buskett' ġejja mill-kelma Taljana *boschetto* li tfisser masġar żgħir. Billi l-Buskett għandu ftit mis-siġar tiegħu li kibru naturali u ħafna permezz ta' id il-bniedem, ftit jaħsbu li anki l-Buskett għandu l-istorja tiegħu. Għandu wkoll drawwiet marbutin miegħu.

L-ewwel siġar li sabu ruħhom kienu fir-roqgħa art li fuqha hemm il-Palazz tal-Verdala, jew kif inhu magħruf bħala l-Kastell ta' Verdala. Ħdejn dawn is-siġar kien hemm id-dar tal-kaċċa li kien bena l-Gran Mastru Jean de Valette. Għoxrin sena wara l-Gran Mastru li kien jaħkem lil Malta bena palazz. Dan kien il-Gran Mastru Hughes Loubens de Verdalle. Maż-żmien dan il-post kien iservi bħala post ta' kenn u kwiet kif ukoll ta' btala, speċjalment fix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Gran Mastru Lascaris kompla bix-xogħol li kien beda ta' qablu, l-aktar bit-tħawwil ta' bosta siġar. Lascaris ordna li jsiru l-għadajjar. Ġab ukoll ċriev u għasafar biex iservu għall-kaċċa. Bil-mod il-mod żdiedu l-friefet u annimali oħra li jħobbu l-ambjent ħadrani u kenni tal-Buskett. Bdew jaslu wkoll għasafar li kienu jpassu mill-Afrika għall-Ewropa.

Għall-Imnarja ħafna bdiewa u raħħala bdew jitilgħu lejn l-Imdina u r-Rabat biex jaraw iċ-ċerimonji li kienu jsiru għall-festa ta' San Pietru u San Pawl. Dawn bdew bl-użanza li matul il-lejl tad-29 ta' Ġunju joqogħdu taħt is-siġar u jqattgħu l-lejl jgħannu, jieklu l-fniek, u jixorbu l-inbid. Il-Buskett beda jieħu ruħ ġdida, bir-riħa tas-siġar tħalli postha għar-riħa tal-qali tal-fniek, waqt li l-kwiet u s-skiet tal-lejl beda jħalli postu għall-ħsejjes u l-għors tan-nies, kif ukoll għall-għana.

Maż-żmien il-festa kibret u saret ukoll wirja tal-prodotti tal-biedja kif ukoll tal-annimali. Għall-wirja jkun hemm ukoll l-aqwa nies tal-gżira. Il-Buskett isir is-salott nazzjonali. Il-lejl fih is-seħer tiegħu iżda l-jum tal-festa tal-Imnarja huwa wkoll maġiku. Nies fejn il-wirja, nies fejn l-annimali, u nies jimxu qalb is-siġar għad-dell tal-weraq u għaż-żiffa.

Il-Buskett fih is-seħer tiegħu u għalhekk tara t-turisti jimxu qalb il-mogħdijiet tiegħu. Il-Kastell ta' Verdala hu attrazzjoni imma l-Buskett hu eżempju ta' kif il-bniedem ħawwel masġar mijiet ta' snin ilu u issa hu firxa art mimlija ħdura u skiet. Għalhekk ħafna jorganizzaw xi ikla fil-Buskett għad-dell tas-siġar. Illum hemm ballut, luq, ċipress, żnuber, u siġar oħrajn. Hemm ukoll siġar tal-frott bħal-lariġ u n-naspli. Hemm armi ma' ċerti ħitan u kanali li l-bniedem ivvinta biex isaqqi din il-ħdura kollha.

Dan hu post li għandna nibżgħu għalih. Il-Buskett hu post il-ħdura u jalla jibqa' hekk għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

*(Addattament minn http://lifesavingbuskett.org.mt/history-of-buskett/)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X'jagħmel il-Buskett uniku? (2)
2. B'liema mod kien iservi l-Palazz Verdala? (2)
3. Agħti **ŻEWĠ** affarijiet ta' x'għamel il-Gran Mastru Lascaris biex ikompli fuq ix-xogħol tal-Gran Mastru ta' qablu. (2)
4. Maż-żmien, il-Buskett kompla jieħu l-ħajja b'mod naturali? Kif taf? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** drawwiet li kienu jagħmlu l-bdiewa u r-raħħala fil-lejl tal-Imnarja. (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, taħseb li l-Buskett għadu l-post ideali fejn wieħed jista' jqatta' ftit ħin mistrieħ? Agħti raġuni **WAĦDA** għal dan. (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   Il-Buskett fih is-**seħer** tiegħu u għalhekk tara t-turisti jimxu qalb il-**mogħdijiet** tiegħu. Il-Kastell ta' Verdala hu attrazzjoni imma l-Buskett hu eżempju ta' kif il-bniedem ħawwel masġar mijiet ta' snin ilu u issa hu **firxa** art mimlija ħdura u skiet. Għalhekk ħafna jorganizzaw xi ikla fil-Buskett għad-dell tas-siġar. Illum hemm ballut, luq, ċipress, żnuber, u siġar oħrajn. Hemm ukoll siġar tal-frott bħal-larinġ u n-naspli. Hemm armi ma' ċerti ħitan u kanali li l-bniedem **ivvinta** biex isaqqi din il-ħdura kollha. (*is-seba' paragrafu*) (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha din it-tifsira:
   a. nies li jrabbu l-bhejjem;
   b. drawwa;
   ċ. ħemda;
   d. allegrija. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 6 li turi li l-Buskett hu l-post ta' mistrieħ għal kulħadd? (2)

**(Total: 22 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

L-għanja Maltija hija dik li tinterpreta l-ħajja ta' niesna f'xi wieħed mill-aspetti tagħha: il-problemi, il-gosti, ix-xewqat u l-beżgħat, il-mentalità, id-drawwiet tagħna; fi kliem qasir, l-ambjent soċjokulturali tal-poplu Malti. F'dan is-sens il-qofol tal-argument tagħha huwa dejjem il-poplu Malti issa u hawnhekk u, direttament jew indirettament, tgħaddi kumment konxju u kritiku fuq il-mod li bih ngħixu. Hija djalogu kunfidenzjali bejn il-kompożitur/awtur u s-semmiegħ bħala Maltin: ħadd ma jista' joħloqha ħlief l-esperjenza ta' Malti u ħadd ma jista' jifhimha b'mod tassew globali u intimu ħlief l-esperjenza ta' Malti ieħor. Fiha l-lingwa Maltija minn sempliċi għodda ta' artiġjanat issir strument tal-arti, u l-kelma taqa' fil-fond ta' ruħ is-semmiegħ Malti u tqajjem ċrieki u ċrieki ta' tifsiriet u tqanqiliet moħbija. Dan it-tip ta' għanja, ħajja u ġenwina, insibuha fil-popli li huma konxji minnhom infushom, li għarfu l-identità nazzjonali tagħhom.

*(Addattament mill-artiklu ta' Manwel Mifsud (1990) - Għanja Maltija għal-lum, Leħen il-Malti, 24)*

1. Agħti nom tal-aġent. (1)
2. Sib u ikteb plural miksur. (1)
3. Agħti s-superlattiv ta' **qasir**. (1)
4. Oħroġ nom fis-singular minn **globali**. (1)
5. Ta' liema forma hu l-verb **tqajjem**? (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **artiġjanat**. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv fil-femminil. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
9. Sib stat kostrutt. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **tgħaddi**. (1)
11. Mis-silta sib u ikteb nom fil-kollettiv. (1)
12. Sib u ikteb avverbju. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **joħloqha** fit-tielet persuna singular femminil fil-perfett. (1)
14. Mis-silta sib pronom b'funzjoni ta' verb. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int maniġer f'lukanda famuża, u ġejt imqabbad sabiex tirrapporta lment dwar ikel ħażin li ħareġ mir-restorant tagħkom. Ikteb rapport biex jiġi miżmum fir-rekords tal-lukanda.

**JEW**

2. Jumejn ilu kien hemm logħba taħraq bejn żewġ timijiet rivali. Ikteb rapport dwar l-andament tal-logħba u dak li ġara dakinhar.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Il-Kunsill Lokali għadu kif beda proġett ta' tibdil ta' bankini fil-lokal tiegħek, imma minħabba xi problemi, il-ħidma waqfet ħesrem. Ikteb ittra lis-Sindku tar-raħal biex tgħarrfu bl-inkonvenjenzi li qed iġġarrbu int u l-ġirien tiegħek.

   Ismek: Stephanie/Jacob Meli
   L-indirizz tiegħek: 12, Triq l-Invenzjoni, Ħal Balzan, BZN 1570.
   L-indirizz tal-Kunsill Lokali: 14, Kunsill Lokali Ħal Balzan, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, BZN 1150.

**JEW**

2. Ikteb email lill-kuġina tiegħek Sarah, li toqgħod l-Amerka, li fiha twasslilha xi aħbarijiet u tistedinha tqatta' l-Għid għall-ewwel darba mal-familja tiegħek.

   Ismek: Rodianne/Kenneth Camilleri
   L-indirizz elettroniku tiegħek: rodken@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-kuġina tiegħek sarah@eduk.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.........................................................................................................................

.........................................................................................................................

.........................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din il-poeżija *Passaġġi* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Passaġġi,*** Ġorġ Borg

Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

**Wieġeb:**

1. Liema hi l-metafora ċentrali tal-poeżija? Xi jrid jifhem biha l-poeta, u għaliex? (4)
2. Xi jrid ifisser il-poeta meta jibda l-poeżija bil-kliem, "Hemm passaġġi li tibdiehom mat-twelid?" Agħti eżempji mill-ħajja ta' madwarek li jaqblu ma' dak li jrid ifisser il-poeta. (4)
3. Minbarra l-metafora ċentrali tal-poeżija, sib metafora oħra mit-tieni strofa. X'effett joħloq il-poeta b'din il-metafora? (4)
4. X'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta fl-aħħar żewġ versi? Fissirha u ikteb x'effett joħloq biha l-poeta. (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Bi rjushom imgħaddsa
L-Imdina deħlin,
Kemm ħarġu qalbiena!
Għala issa mnikktin?

Għaliex din il-ħemda?
Dil-ħasra x'inhija?
Xi tkun din is-sura
Li ġiebu mgħottija?

Il-Ħakem x'sar minnu,
L-għarus ta' Katrina,
Li rajtu filgħodu
Imdawwar biż-żina?

Sew malli l-għedewwa
Qarrieqa u kefrin
Raw ruħhom mirbuħa
Minn ħutna l-Maltin,

Fil-ħabta tnejn minnhom
B'sejf f'ġenbu nifduh,
Fl-art waqa' u n-nies tiegħu
Hemm mejjet refgħuh.

Min jaf jgħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina? ... bħal berqa
Dlonk toħroġ mid-dar.

U l-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha;
Ilkoll daru magħha
U riedu jsabbruha.

**Wieġeb:**

1. X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija? Ikteb dwar l-elementi ewlenin li nsibu f'dan il-ġeneru ta' poeżija. (5)
2. X'inhi l-atmosfera li joħloq il-poeta fl-ewwel tliet strofi ta' din is-silta? Islet **TLIET** kelmiet jew frażijiet mill-poeżija biex issaħħaħ dak li ktibt. (5)
3. Fisser il-kuntrast li naraw fost is-suldati bejn dak li nsibu f'din is-silta tal-poeżija u dak li nkiteb f'partijiet oħra tagħha. (5)
4. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. X'ritmu joħloq il-poeta f'din is-silta? (5)

**(Total: 20 marka)**

## IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ittri lil Marta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Kien is-Sibt, wieħed minn dawk il-jiem tal-ħarifa li jurik li x-xitwa waslet. Ħabbat il-bieb u meta fetħet sabet lil tal-posta ma' wiċċha.

"Kmieni llum!" Qaltlu bi tbissima.

"*Express*, Sinjura. Iffirmali hawn, jekk jogħġbok."

X'seta' ġara? Għalqet il-bieb u ċarrtet l-envelop bi snienha, għax ma kellhiex sabar tistenna sakemm tidħol ġewwa. Ħarġet l-ittra u qratha b'fixkla kbira.

"Il-kwadru lest. Ejja arah għada f'dan l-indirizz."

L-għada libset u saqet bħal riħ lejn il-post imsemmi. Ħabbtet u fetħitilha tifla ta' tnax-il sena.

"Hawnhekk joqgħod il-pittur?"

"Mhux hawn qiegħed."

"Fejn mar?"

"Siefer 'il bogħod u qal li ma jerġax lura."

"Ħalla xi ħaġa għalija?"

"Int min int? X'jismek?"

"Jiena Marta."

"Ejja miegħi."

Għaddew minn kuritur mudlam u sabu ruħhom f'veranda mdawra bil-ħġieġ. F'nofs il-veranda, taħt id-dawl qawwi tax-xemx, kien hemm inkwatru mgħotti b'ċarruta sewda.

"Ikxfu!" Qaltilha t-tifla b'ton ta' kmand.

Marta mxiet lejn l-inkwatru. Ħatfet tarf iċ-ċarruta u ġibditha 'l isfel bis-saħħa. Ma setgħetx temmen lil għajnejha. Hi kollha kemm hi, wieqfa fil-bieb ta' darha, bħal meta kienet tistenna lil tal-posta jnewlilha l-ittri.

Imbagħad ġrat ħaġa li ħallietha mbikkma. L-ilwien tal-pittura bdew jitfu, donnhom qed jinxtorbu mir-raġġi qawwija tax-xemx; u f'kemm ili ngħidlek il-figura dabet għalkollox, l-ewwel il-wiċċ, imbagħad ix-xagħar u d-dirgħajn, u fl-aħħar l-għajnejn.

Marta bdiet tibki u tolfoq. Ma kinitx taf x'għandha tagħmel. Daret biex tkellem lit-tifla li fetħitilha l-bieb u daħħlitha ġewwa, imma ma ratha mkien. Reġgħet ħarset lejn it-tila vojta, qasmet il-kuritur, u għaġġlet lura lejn darha għajnejha mimlijin dmugħ u l-maktur marsus ma' mnifsejha.

**Wieġeb:**

1. Din is-silta ta' proża fiha element narrattiv u element ta' konverżazzjoni. Ikteb dwar l-element ta' konverżazzjoni li nsibu f'din is-silta. (5)
2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "L-ilwien tal-pittura bdew jitfu, donnhom qed jinxtorbu mir-raġġi qawwija tax-xemx"? X'effett toħloq din il-figura tat-taħdit? (5)
3. Minn din is-silta, kif ukoll mill-kumplament tan-novella, x'karatteristiċi niskopru dwar il-karattru ta' Marta? (5)
4. Fil-bidu tas-silta naqraw: "Kien is-Sibt, wieħed minn dawk il-jiem tal-ħarifa li juruk li x-xitwa waslet." Fisser ir-referenza simbolika għall-ħarifa u x-xitwa fil-kuntest tan-novella. (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Xtara l-ħut fil-baħar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-ħut fil-baħar,*** Laurence Mizzi

Issa kien taha għall-ponijiet. Kull xahar kont tarah b'wieħed ġdid. Daqqa jixtri, oħra jbigħ, issa jpartat u hekk kien sejjer. Għamel ħabta ma jitħarrikx mill-Marsa għax waħħalha f'rasu li jidħol għal tat-trott. Dakinhar tat-tiġrija r-raħal kollu niżel bi ħġaru biex jarah, iżda kollha baqgħu b'xiber imnieħer għax fit-telfa li kellu biex itellaq is-Sur Tonin nesa jirreġistrah ... Meta xeba' mill-annimali xi ħadd webblu biex jiftaħ klabb tal-boċċi. Ma għandniex xi ngħidu, il-flus ħariġhom kollha waħdu. Hu kien qiegħed għat-tgarar. Tassew li f'sena sħiħa l-likk ma laqtux darba iżda ta' madwaru kienu dejjem ifaħħruh u jagħmlulu l-qalb imqar jekk minn ġewwa kienu jkunu jridu jinfaqgħu bid-daħq xħin jarawh hekk bla ħila.

Martu Ċikka issa kienet dratu. Meta tarah wara li jiekol bil-ħatfa, iferra' darbtejn inbid kienet tistennieh ħiereġ b'xi waħda ġdida. U għalkemm għall-ewwel kienet tiqaflu, wara ma kinitx tibqa' tħaqqaqha. "Wara kollox," kienet taħseb bejnha u bejn ruħha, "flusu mhux tiegħu? Ma għandux lil min iħallihom. Aħjar jaħlihom fil-logħob milli fi ħwejjeġ oħra." Jum fost l-oħrajn kienet kesħa xxoqq il-għadam u, kif kienet tagħmillu f'temp bħal dak, lestietlu ftit soppa tas-saqajn immellħa. Kien jiġġennen għalihom is-saqajn tal-majjal u meta jaqbad waħda f'idu u jibda jmexmixha, il-klieb kienu jaħbtuha ħażin għax ma kien iħallilhom xejn xi jlaqqtu. Iżda meta did-darba daħal id-dar u qaltlu li kellha saqajn tal-majjal għall-ikel, wiċċu ma xegħelx bħas-soltu. Ċikka xammitu mill-ewwel. "Jaqaw ma tiflaħx, Ton?" staqsietu b'nofs qalb bħal dak li qallu kienet taf x'se jweġibha. "Ie ... Ie ... X'ma niflaħx hu? X'inti thewden?"

"Mela għax ma tridx tiekol?"

"Min qallek li ma rridx? Inħobbhom tant is-saqajn ..."

Iżda għalkemm sforza u tqanżaħ nofs is-soppa fil-platt baqgħet u l-klieb ma kellhomx mniex igorru did-darba. Ċikka ħasset qalbha tferfer u kienet se terġa' tibdielu imma qatgħalha ħsibijietha.

**Wieġeb:**

1. Fl-ewwel paragrafu ta' din is-silta niltaqgħu mal-espressjoni, "baqgħu b'xiber imnieħer." Din l-idjoma hija mibnija fuq metafora jew fuq similitudni? Agħti t-tifsira tagħha skont il-kuntest tas-silta. (5)
2. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, x'nafu dwar il-karattru tas-Sur Tonin? (5)
3. X'tip ta' relazzjoni kienet teżisti bejn is-Sur Tonin u martu Ċikka? Islet **TLIET** kwotazzjonijiet mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (5)
4. Billi tirreferi għal mill-inqas episodju wieħed mill-kumplament tan-novella, uri kif l-episodji li niltaqgħu magħhom f'din is-silta jorbtu mal-kumplament tan-novella. (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Iddiskuti d-differenzi li tinnota fir-relazzjoni bejn koppja miżżewġa billi tirreferi għan-novella *Bank* ta' Frans Sammut u l-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado. (15)

2. In-nies jistgħu jkunu kattivi u ma jħallux lill-individwu jgħix fil-paċi. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għaċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom Anjeżi fin-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri, u Fajsal fin-novella *Bl-Irħis* ta' Vincent Vella. (15)

3. Iddiskuti kif insibu element ta' indeċiżjoni fil-poeżiji *Jien* ta' Victor Fenech u *B'Idejna* ta' Adrian Grima. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 400 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Lil Marija, Francis Ebejer jiddeskriviha bħala "mara soda, ta' karattru, ta' spirtu, ta' ħila ... tal-futur." Ikkummenta dwar dan, skont l-irwol li għandha Marija fl-iżvolġiment tal-ġrajja tar-rumanz *Il-Ħarsa ta' Ružann.*

**JEW**

2. Fil-kuntest ta' ġrajjiet differenti li niltaqgħu magħhom fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, x'taħseb li huma r-raġunijiet għaliex ir-rumanzett jispiċċa "BLA TMIEM"? Agħti raġunijiet billi tirreferi għal argumenti varji li huma żviluppati matul ir-rumanzett.

**(Total: 30 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din il-poeżija *Passaġġi* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Passaġġi,*** Ġorġ Borg

Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

**Wieġeb:**

1. Xi jrid ifisser il-poeta bil-metafora "passaġġi"? Xi jrid ifisser il-poeta meta jikteb li hemm passaġġi "li tiskoprihom bit-taħbit" fl-ewwel strofa? (4)
2. X'figura tat-taħdit hija l-kelma "grif" fit-tieni strofa? X'effett joħloq il-poeta permezz ta' din il-figura tat-taħdit? (4)
3. X'effett joħloq il-poeta permezz tal-antiteżi li nsibu fit-tielet strofa? (4)
4. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta tul din il-poeżija. (4)
5. a) Bil-kelma "infinit" il-poeta jrid ifisser: (agħżel **WAĦDA**)
   i. numru bla tmiem
   ii. Alla
   iii. xi ħaġa li ma tispiċċa qatt
   iv. xi ħaġa li ma titwemminx (1)

   b) Ikteb għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Bi rjushom imgħaddsa
L-Imdina deħlin,
Kemm ħarġu qalbiena!
Għala issa mnikktin?

Għaliex din il-ħemda?
Dil-ħasra x'inhija?
Xi tkun din is-sura
Li ġiebu mgħottija?

Il-Ħakem x'sar minnu,
L-għarus ta' Katrina,
Li rajtu filgħodu
Imdawwar biż-żina?

Sew malli l-għedewwa
Qarrieqa u kefrin
Raw ruħhom mirbuħa
Minn ħutna l-Maltin,

Fil-ħabta tnejn minnhom
B'sejf f'ġenbu nifduh,
Fl-art waqa' u n-nies tiegħu
Hemm mejjet refgħuh.

Min jaf jgħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina? ... bħal berqa
Dlonk toħroġ mid-dar.

U l-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha;
Ilkoll daru magħha
U riedu jsabbruha.

**Wieġeb:**

1. X'jissejjaħ dan il-ġeneru ta' poeżija? Semmi xi wħud mill-elementi ewlenin li nsibu f'dan il-ġeneru. (4)
2. X'effett joħloq il-poeta permezz tal-mistoqsijiet li jagħmel fl-ewwel tliet strofi ta' din is-silta tal-poeżija? (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "bħal berqa/Dlonk toħroġ mid-dar," b'referenza għal Katrin? Fissirha u ikteb x'effett joħloq biha l-poeta. (4)
4. Fisser il-kuntrast li l-poeta jibni f'Katrin bejn dak li naqraw f'din is-silta u dak li nkiteb dwarha f'partijiet oħra tal-poeżija. (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ittri lil Marta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Kien is-Sibt, wieħed minn dawk il-jiem tal-ħarifa li jurik li x-xitwa waslet. Ħabbat il-bieb u meta fetħet sabet lil tal-posta ma' wiċċha.

"Kmieni llum!" Qaltlu bi tbissima.

"*Express*, Sinjura. Iffirmali hawn, jekk jogħġbok."

X'seta' ġara? Għalqet il-bieb u ċarrtet l-envelop bi snienha, għax ma kellhiex sabar tistenna sakemm tidħol ġewwa. Ħarġet l-ittra u qratha b'fixkla kbira.

"Il-kwadru lest. Ejja arah għada f'dan l-indirizz."

L-għada libset u saqet bħal riħ lejn il-post imsemmi. Ħabbtet u fetħitilha tifla ta' tnax-il sena.

"Hawnhekk joqgħod il-pittur?"

"Mhux hawn qiegħed."

"Fejn mar?"

"Siefer 'il bogħod u qal li ma jerġax lura."

"Ħalla xi ħaġa għalija?"

"Int min int? X'jismek?"

"Jiena Marta."

"Ejja miegħi."

Għaddew minn kuritur mudlam u sabu ruħhom f'veranda mdawra bil-ħġieġ. F'nofs il-veranda, taħt id-dawl qawwi tax-xemx, kien hemm inkwatru mgħotti b'ċarruta sewda.

"Ikxfu!" Qaltilha t-tifla b'ton ta' kmand.

Marta mxiet lejn l-inkwatru. Ħatfet tarf iċ-ċarruta u ġibditha 'l isfel bis-saħħa. Ma setgħetx temmen lil għajnejha. Hi kollha kemm hi, wieqfa fil-bieb ta' darha, bħal meta kienet tistenna lil tal-posta jnewlilha l-ittri.

Imbagħad ġrat ħaġa li ħallietha mbikkma. L-ilwien tal-pittura bdew jitfu, donnhom qed jinxtorbu mir-raġġi qawwija tax-xemx; u f'kemm ili ngħidlek il-figura dabet għalkollox, l-ewwel il-wiċċ, imbagħad ix-xagħar u d-dirgħajn, u fl-aħħar l-għajnejn.

Marta bdiet tibki u tolfoq. Ma kinitx taf x'għandha tagħmel. Daret biex tkellem lit-tifla li fetħitilha l-bieb u daħħlitha ġewwa, imma ma ratha mkien. Reġgħet ħarset lejn it-tila vojta, qasmet il-kuritur, u għaġġlet lura lejn darha għajnejha mimlijin dmugħ u l-maktur marsus ma' mnifsejha.

**Wieġeb:**

1. Din is-silta ta' proża fiha element narrattiv u element ta' konverżazzjoni. Ikteb dwar l-element narrattiv ta' din is-silta. (5)
2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "L-għada libset u saqet bħal riħ lejn il-post imsemmi"? X'effett toħloq din il-figura tat-taħdit? (5)
3. Ikteb dwar l-element ta' misteru li niltaqgħu miegħu f'din is-silta ta' proża. (5)
4. a) Din is-silta tispiċċa bil-frażi: "u l-maktur marsus ma' mnifsejha," għax: (agħżel **WAĦDA**)
    i. kien hemm riħa tinten
    ii. Marta kellha riħ
    iii. Marta kienet qed tolfoq
    iv. kien hemm riħa ta' gass

   b) Billi tirreferi għas-silta, fisser għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Xtara l-ħut fil-baħar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-ħut fil-baħar,*** Laurence Mizzi

Issa kien taha għall-ponijiet. Kull xahar kont tarah b'wieħed ġdid. Daqqa jixtri, oħra jbigħ, issa jpartat u hekk kien sejjer. Għamel ħabta ma jitħarrikx mill-Marsa għax waħħalha f'rasu li jidħol għal tat-trott. Dakinhar tat-tiġrija r-raħal kollu niżel bi ħġaru biex jarah, iżda kollha baqgħu b'xiber imnieħer għax fit-telfa li kellu biex itellaq is-Sur Tonin nesa jirreġistrah ... Meta xeba' mill-annimali xi ħadd webblu biex jiftaħ klabb tal-boċċi. Ma għandniex xi ngħidu, il-flus ħariġhom kollha waħdu. Hu kien qiegħed għat-tgarar. Tassew li f'sena sħiħa l-likk ma laqtux darba iżda ta' madwaru kienu dejjem ifaħħruh u jagħmlulu l-qalb imqar jekk minn ġewwa kienu jkunu jridu jinfaqgħu bid-daħq xħin jarawh hekk bla ħila.

Martu Ċikka issa kienet dratu. Meta tarah wara li jiekol bil-ħatfa, iferra' darbtejn inbid kienet tistennieh ħiereġ b'xi waħda ġdida. U għalkemm għall-ewwel kienet tiqaflu, wara ma kinitx tibqa' tħaqqaqha. "Wara kollox," kienet taħseb bejnha u bejn ruħha, "flusu mhux tiegħu? Ma għandux lil min iħallihom. Aħjar jaħlihom fil-logħob milli fi ħwejjeġ oħra." Jum fost l-oħrajn kienet kesħa xxoqq il-għadam u, kif kienet tagħmillu f'temp bħal dak, lestietlu ftit soppa tas-saqajn immellħa. Kien jiġġennen għalihom is-saqajn tal-majjal u meta jaqbad waħda f'idu u jibda jmexmixha, il-klieb kienu jaħbtuha ħażin għax ma kien iħallilhom xejn xi jlaqqtu. Iżda meta did-darba daħal id-dar u qaltlu li kellha saqajn tal-majjal għall-ikel, wiċċu ma xegħelx bħas-soltu. Ċikka xammitu mill-ewwel. "Jaqaw ma tiflaħx, Ton?" staqsietu b'nofs qalb bħal dak li qallu kienet taf x'se jweġibha. "Ie ... Ie ... X'ma niflaħx hu? X'inti thewden?"

"Mela għax ma tridx tiekol?"

"Min qallek li ma rridx? Inħobbhom tant is-saqajn ..."

Iżda għalkemm sforza u tqanżaħ nofs is-soppa fil-platt baqgħet u l-klieb ma kellhomx mniex igorru did-darba. Ċikka ħasset qalbha tferfer u kienet se terġa' tibdielu imma qatgħalha ħsibijietha.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, xi nsiru nafu dwar il-karattru tas-Sur Tonin? (5)
2. X'tip ta' relazzjoni kienet teżisti bejn is-Sur Tonin u n-nies li jagħmilha magħhom? Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex issaħħaħ dak li ktibt. (5)
3. Ċikka, il-mara tas-Sur Tonin, kienet tħobbu lir-raġel tagħha? Kif nafuh dan? Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (5)
4. a) Fil-biċċa l-kbira tagħha din is-silta hija: (agħżel **WAĦDA**)
    i. riflessiva
    ii. deskrittiva
    iii. narrattiva
    iv. ħrafa (1)

   b) Ikteb mill-inqas **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ir-relazzjoni bejn koppja miżżewġa tista' tkun tajba, imma tista' ma tkunx. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għan-novella *Bank* ta' Frans Sammut u l-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado.

**JEW**

2. Kemm Anjeżi fin-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri kif ukoll Fajsal fin-novella *Bl-Irħis* ta' Vincent Vella jgħaddu minn tbatija kbira minħabba l-kattiverja ta' ħaddieħor. Iddiskuti.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Minn dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, iddiskuti x'effett għandha Marija fuq id-dixxendenti tagħha mill-aspett tal-edukazzjoni.

**JEW**

2. Ikteb dwar it-tip ta' ħajja li kienu jgħixu Rużann u binha Karmenu bħala kuntrast mat-tip ta' ħajja li kienu jgħixu Ġina u bintha Luċija, fl-iżvolġiment tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**